MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2021

Appell Inferjuri Numru 43/2021 LM

**Wijesooriya Arachchige Poornima Marie [203349A]**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Espatrijati**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Wijesooriya Arachchige Poornima Marie [203349A]**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (minn issa 'l quddiem 'il-Bord') tat-30 ta' April, 2021 (minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'), li permezz tagħha l-Bord iddeċieda li jiddikjara null l-appell tagħha mid-deċiżjoni tat-30 ta' Settembru,

2020 tal-intimat **Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijati**, hawnhekk 'l-appellat'.

## Fatti

2. Fit-8 ta' Ġunju, 2020, l-appellanta kienet applikat sabiex iġġedded is-Single Permit tagħha abbażi tat-tkomplija tal-impjieg tagħha mas-soċjetà Bad Boy Cleaning Services Limited. Din l-applikazzjoni ġiet miċħuda permezz ta' dokument datat 30 ta' Settembru, 2020, imtella' fuq il-*portal*, ossia *online system*, operata mill-Aġenzija Identità Malta, li għaliha l-appellanta ma kellha l-ebda aċċess, iżda kellha aċċess is-soċjetà Bad Boy Cleaning Services Limited.

## Mertu

3. L-appellanta ħassitha aggravata bl-imsemmija deċiżjoni, u istitwiet proċeduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni fil-21 ta' Ottubru, 2020. Il-Bord iddeċieda l-appell tal-appellanta abbażi biss tal-fatt li skont l-istess Bord l-appell kien ġie sottomess wara t-terminu kif mogħti mil-liġi.

## L-Appell

2. L-appellanta tikkontendi li l-Bord naqas milli jagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti u tad-dokumenti esebiti quddiemu. L-appellanta tikkontendi li la hi u lanqas il-Prinċipal tagħha qatt ma rċevew rifjut tal-applikazzjoni għat-tiġdid tal-permess tax-xogħol u dan bi ksur ċar tar-Regolament 15 tal-L.S. 217.17 li

jistipula li d-Direttur għandu jinnotifika lill-applikant bid-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni bil-miktub. Dan ma sarx u għalhekk, peress li l-appellanta bħala applikant qatt ma ġiet uffiċjalment notifikata, l-appell att ma seta' jkun *fuori termine*. Fl-appell tagħha, l-appellanta talbet lil din il-Qorti tirrmanda l-atti lura lill-Bord sabiex wara li jisma' lill-partijiet u x-xhieda neċessarja permezz ta' seduta, jgħaddi għad-deċiżjoni tiegħu dwar il-mertu.

## Ir-Risposta tal-Appell

5. Min-naħa tiegħu l-appellat ma jikkontestax dan, tant hu hekk illi fir-risposta tiegħu jgħid illi bi żvista d-deċiżjoni tat-30 ta' Settembru, 2020 kienet aċċessibbli *online* fuq is-sistema tal-Aġenzija għall-*employer* biss. Fir-risposta tiegħu l-appellat jgħid ukoll li jkun siewi illi din il-Qorti tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jisma' fil-mertu l-appell imressaq mill-appellanta quddiem il-Bord, u l-partijiet jingħataw terminu ġdid sabiex iressqu kwalunkwe prova li jqisu li hija neċessarja in sostenn tal-pożizzjoni rispettiva tagħhom. L-appellat madanakollu jgħid illi dini l-Qorti m'għandhiex il-kompitu illi tagħti ordni ta' kif u come jiġu regolati s-seduti quddiem il-Bord, u għalhekk it-talba elenkata fil-paragrafu 20(b) tar-rikors tal-appell tal-appellanta, hija rreċivibbli.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

6. Ladarba mhuwiex kontestat li d-deċiżjoni tal-appellat tat-18 ta' Settembru, 2020 ma kinitx aċċessibbli *online* għall-appellanta, u allura ma seta' jiskatta u jiddekorri l-ebda terminu fil-konfront tagħha, l-appell tagħha quddiem

il-Bord ma seta' qatt ikun *fuori termine*. Għal din ir-raġuni, id-deċiżjoni tal-Bord tat-30 ta' April, 2021 fejn l-appell tal-appellanta quddiem il-Bord ġie dikjarat null għax kien *fuori termine*, għandha tiġi mħassra u l-atti jintbagħtu lura lill-Bord sabiex dan jisma' fil-mertu l-appell imressaq mill-appellanta quddiem il-Bord.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi l-appell tal-appellanta billi tilqgħu, u filwaqt li tħassar id-deċiżjoni appellata, tibgħat lura l-atti quddiem il-Bord sabiex dan jisma' fil-mertu l-appell imressaq mill-appellanta quddiem il-Bord, u l-partijiet jingħataw terminu ġdid sabiex iressqu kwalunkwe prova li jqisu li hija neċessarja in sostenn tal-pożizzjoni rispettiva tagħhom.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**